**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Mejju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 3/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Anthony D'Amato**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthony D'Amato ta' 58 sena, iben Nazzareno u Victoria nee' Schembri li twieled gewwa iz-Zurrieq nhar is-7 ta' Novembru1962 residenti fil-fond 204, 'Romance' Vjal l-indipendenza, Zurrieq u detentur tal-karta ta' l-identita 79463M

Akkuzat talli nhar l-1 ta' Jannar 2021 ghal habta ta' 3am gewwa iz-Zurrieq:

1. Bil-hsieb li jwegga lil martu Sandra D'Amato, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta ta daqqa ta' sikkina tal-kcina u bil-ponta

f'zaqqa b'tentattiv li jigu kagunati feriti gravi fuq persunta, liema delitt ma giex esegwit minhabba minhabba xi haga accidentali u 'ndipendenti mil-volonta' tieghu.

2. Volotarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Sandra D'Amato u dan wara li ta daqqa ta' sikkina tal-kcina, hekk kif iccertifika Dr. Jean Paul Camilleri (Med Reg 3471) mill-klinika ta' Rahal Gdid.

U talli nhar l-1 ta' Jannar 2021 ghal habta ta' 3am u fis-sieghat u/jew fil-granet u/jew gimghat u/jew xhur ta' qabel, izda mhux aktar minn sena gewwa iz-Zurrieq u diversi postijiet gewwa dawn  il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

3. Ikkaguna lil martu Sandra D'Amato, fastidju meta gab ruhu b'mod li missu kien jaf li qed ikun tali;

4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lil Sandra D'Amato, taghmel xi haga jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Anthony D'Amato a beneficju ta' Sandra D'Amato u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni [sic] ta' Sandra D'Amato jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Anthony D'Amato b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffisata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq,

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati [sic] ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-13 ta' Mejju 2021 fejn deherlu li tista' tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

   1. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
   2. Fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 222(1)(a), 202(h)(i)(iv)(v) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
   3. Fl-Artikoli 214, 215, 217, 221(2), 222(1)(a), 202(h)(i)(iv)(v) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
   4. Fl-Artikoli 202(h)(i)(iv)(v), 251A, 251H, 251HA tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
   5. Fl-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
   6. Fl-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici, Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

5. Semghet lill-partijiet jiddikjaraw li m'hemmx htiega li jsiru noti ta' sottomissjonijiet, li huma qed jistriehu fuq il-provi migjuba, u li l-kawza tista' tghaddi ghas-sentenza.

**IL-FATTI**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri jistghu jigu sintezzati hekk:

   i. Fl-ewwel (1) ta' Jannar 2021 ghal habta tat-tlieta u ghoxrin ta' fil-ghodu (03:20hrs) Sandra D'Amato irraportat l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq li r-ragel taghha, l-imputat, kien taghha daqqa ta' sikkina go zaqqha.

   ii. Hija inghatat il-*first aid* mill-Pulizija u eventwalment giet mehuda ghal aktar assistenza medika fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

iii. Sandra D'Amato qalet lil Pulizija li hija u r-ragel taghha kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni, pero baqghu jghixu flimkien. Il-lejl ta' qabel – li kien lejliet l-ewwel tas-sena - kienu hargu jieklu flimkien mat-tifla taghhom, kif kienu ghamlu fil-Milied, u irritornaw d-dar ghal habta tas-siegha ta' fil-ghodu. Meta waslu d-dar, hu ipprova jbusha, imma hi ma ridietx. Huma raqdu ghal xi siegha, pero f'hin minnhom l-imputat qam u beda jargumenta maghha.

iv. Sandra D'Amato kompliet tispjega li hin minnhom l-imputat nizel fil-kcina, u hi marret sabiex torqod fil-kamra tat-tifla. Huma iltaqghu wicc imb'wicc fil-kurutur, l-imputat taha tghannieqa kibra, u rassha mal-hajt. Hija hasset tingiza fuq zaqqha, u x'hin gholliet il-flokk tal-pigama waqghet sikkina tal-kcina li kienu jieklu biha. Hi wadbet is-sikkina go kexxun ta' gradenza zghira li kien hemm fil-qrib. L-imputat imbaghad ta daqqa' ta' ponn fuq il-hgieg ta' vetrina u faqghu. Sandra D'Amato harget mid-dar mat-tifla u marret taghmel rapport l-ghassa.

v. Il-Pulizija marru fir-residenza tal-koppja u arrestaw lill-imputat. Mir-residenza huma elevaw ukoll is-sikkina li kienet gol-kexxun tal-gradenza, fejn poggietha Sandra D'Amato.

vi. Ghal dawn ir-ragunijiet ittiehdu dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-htija**

*L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjoni – Attentat ta' Ferita Gravi u Ferita Hafifa*

7. Effettivament l-unika xhieda pajzana f'dawn il-proceduri kienu l-parti offiza u l-imputat, stante li din il-Qorti laqghet it-talba tat-tifla taghhom, Charlene Cilia, sabiex ma tixhidx f'dawn il-proceduri, li kienu jikkoncernaw lil ommha u lil missierha.

8. Mill-provi jirrizulta li l-imputat u Sandra D'Amato kienu ilhom mizzewwgin disgha u ghoxrin (29) sena u kellhom tifla wahda, Charlene Cilia, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena. Sfortunatament, ghal diversi snin, ir-relazzjoni taghhom bdiet tiddeterjora tant li ghal

habta ta' Gunju 2020 Sandra D'Amato istitwit proceduri ta' separazzjoni kontra zewgha, l-imputat, li pero ma xtaqx jissepara. Minkejja dan, huma baqghu jghixu fl-istess residenza, u baqghu jorqdu fl-istess kamra tas-sodda. Dan naturalment zied it-tensjonijiet gia ezistenti bejniethom. Fl-istess residenza kienet qieghda tghix ukoll it-tifla taghhom.

9. Fix-xhieda taghha, il-parti offiza tghid li l-imputat kien ilu snin jghir ghaliha, jaqbad argumenti fuq ix-xejn, u l-agir tieghu fil-konfront taghha kien wiehed vessatorju, li ghamel il-hajja matrimonjali impossibbli. Min-naha l-ohra, fl-istqarrija u fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li l-mara tieghu kienet mara aggressiva u dominanti, gelditu ma ommu u missieru, u takkuzah li kellu tifel minn mara ohra li ma kienx veru, u ma kinietx tati kazu, u bil-kemm kien jaraha d-dar.

10. Hadd miz-zewg partijiet ma ressaq provi indipendenti sabiex jikkorrobora dak li kien qed jghid fil-konfront ta' parti ohra. Sfortunatament f'sitwazzjonijiet simili hija haga ewl id-dinja li kull parti tati htija kollha lill-parti l-ohra ghall-falliment taz-zwieg, u fin-nuqqas ta' provi indipendenti huwa difficli hafna, jekk mhux impossibbli, li wiehed jiddetermina x'inhi verament il-verita, ghax normalment kull parti tkun ikkontribwiet ftit jew wisq ghal dak il-falliment.

11. L-imputat ma ikkontestax fis-sustanza l-verzjoni tal-fatti ta' dak li gara fis-sieghat bikrin tal-1 ta' Jannar 2021, la fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija u lanqas fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Hu jghid li fil-hin li ta d-daqqa ta' sikkina lil mara tieghu hu kien mitluf, kemm minhabba l-alcohol li kien xorob il-lejl ta' qabel, kif ukoll minhabba kumulu ta' snin jissapporti l-agir arroganti taghha.

12. Fir-rapport tieghu, l-espert mediko-legali Dottor Mario Scerri jghid li ma ttiehditx *CT Scan* tal-lezjoni li garrbet Sandra D'Amato. Konsegwenza ta' din il-lezjoni, Sandra D'Amato spiccat b'cikkatrici fuq zaqqha rizultat ta' incizjoni ghar-raguni illi l-lezjoni ma kinietx aktar fonda milli wieghsa u ma ippentratx il-kavita taz-zaqq. Din ic-cikkatrici kienet twila 1.3 centimetri u wiesgha 0.4 centimetri. Ghalhekk huwa ikklassifika l-lezjoni bhala wahda ta' natura hafifa.

13. L-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat hija ta' attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Sandra D'Amato bi strument jaqta' u bil-ponta. Mill-provi prodotti, din il-

Qorti ma hix konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kellu intenzjoni jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq martu u dan ghal diversi ragunijiet. Skond Dr Jean Paul Camilleri, t-tabib tac-Centru tas-Sahha li ezaminaha, il-ferita kienet fonda cirka centimetru u kienet tinvolvi qasma fil-gilda u fix-xaham ta' taht il-gilda, pero ma kinietx tinvolvi l-muskoli taz-zaqq jew iktar fil-fond. Dan gie konfermat ukoll mill-espert mediko-legali Dottor Mario Scerri.

14. Il-Qorti tirrileva li l-imputat hu bniedem ta' certa statura, kien jahdem mal-Armata ta' Malta, u spicca bis-servizz. Ghalhekk il-Qorti tifhem li hu kien imharreg kif juza l-armi, kif ukoll kellu s-sahha fizika konsiderevoli. Il-magistrat sedenti ezaminat personalment is-sikkina uzata, u ikkonstatat li din ghandha xafra ta' ghaxar (10) centimetri bil-ponta. Ghalhekk certament l-imputat seta' ikkaguna ferita hafna iktar serja minn dik li effettivament ikkaguna, kieku ta daqqa ftit iktar b'sahhitha. Il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat ma tax daqqa iktar b'sahhitha ghax ma riedx jaghmel dan, u mhux ghax gie impedut milli jaghmel dan minn xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

15. Ghaldaqstant il-Qorti ma issibx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, izda certament issibu hati tat-tieni imptuzzjoni dedotta kontra tieghu, u cioe dik li ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq martu, bl-uzu ta' sikkina.

*<u>It-Tielet Imputazzjoni - Fastidju</u>*

16. B'riferenza ghal din it-tielet imputazzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] fis-sentenza **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini** deciza fis-27 ta' Frar 2009, fejn gie ritenut hekk:

*"... ... (I)t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :*

[1] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

*dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :- ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." ... ...*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment".*

17. Il-Qorti m'ghandhix dubbju li bl-agir tieghu fis-sieghat bikrin tal-1 ta' Jannar 2021, meta l-imputat ippruva jbus lil martu, hu ikkaguna fastidju, ghax tenut kont tat-tensjonijiet ta' bejniethom, u addirittura kif ammetta hu stess, kienu iggieldu fir-restaurant waqt l-ikla, seta' janticipa li hi ma ridietx l-avvanzi amoruzi tieghu. Pero, sabiex jikkwalifika bhala fastidju ai termini tal-Artikolu 251A, l-agir tal-imputat irid ikun fih element ta' ripetizzjoni jew persistenza – fi kliem iehor il-Prosekuzzjoni riedet tipprova ukoll li dan it-tip ta' agir kien agir repetut b'mod regolari.

18. Fix-xhieda taghha, Sandra D'Amato issemmi diversi incidenti li fihom skond hi, l-imputat kien qieghed jikkagunalha fastidju din l-ahhar sena. Pero, kif inghad, ix-xhieda taghha ma giet bl-ebda mod korroborata bi provi indipendenti, anki jekk indiretti, ossia *circumstantial evidence.* Min-naha l-ohra, l-imputat jghid li hu dejjem habb u irrispetta lil martu, u li kienet hi li kienet tkun aggressiva, vessatorja fl-agir taghha u ma turix rispett fil-konfront tieghu.

19. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova din l-imputazzjoni lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

*<u>Ir-Raba' Imputazzjoni – Uzu mhux xieraq ta' Apparat ta' Komunikazzjoni</u>*

20. Waqt ix-xhieda taghha, Sandra D'Amato tghid li fl-ahhar xhur l-imputat kien il-hin kollu icemplilha fuq il-mobile waqt il-hin tax-xoghol taghha, principalment biex jiddiskuti maghha l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni, jew biex jghidilha li jhobbha.

21. Ghal darba' ohra din ix-xhieda ma hi bl-ebda mod ikkorroborata bi provi indipendenti. Certament li l-ahjar prova kienet tkun li jigi ezebit il-mobile tal-parti offiza, u jigi ezaminat il-kontenut tieghu ghal dak li jirrigwarda telefonati li kienu jsirulha mill-imputat. Pero il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq din il-prova.

22. Ghaldaqstant, l-imputat mhux ser jinstab hati ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

23. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu fedina penali prattikament netta, b'kundanna wahda minn dawn il-Qrati ghal diversi kontravvenzjonijiet dwar ksur tal-ordni pubbliku li inghatat lura fis-sena 1978.

24. L-imputat ikkopera mill-ewwel mal-Pulizija, kemm waqt l-arrest tieghu, kif ukoll waqt l-interrogatorju tieghu, u ammetta l-izball tieghu.

25. Mir-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li kien difficli hafna ghall-imputat li jaccetta li martu kienet bdiet proceduri fil-Qorti sabiex tissepara minn mieghu. Pero fil-mori ta' dawn il-proceduri, hu ha hsieb jitlob l-ghajnuna tal-professjonisti u kellu hafna sapport mit-tifla tieghu. Huwa ghamel sforz qawwi sabiex itejjeb is-sahha emozzjonali tieghu. Illum il-gurnata, l-imputat ghandu impjieg stabbli, u qieghed f'relazzjoni ma' siehba. Huwa ma jidhirx li ghandu xi vizzji u lanqas jidher li hemm xi riskji li qed ifixxkluh. Ghalhekk fl-opinjoni tal-Ufficjal tal-Probation ma hemmx bzonn li huwa jigi riferut ghand agenziji jew professjonisti partikolari.

26. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li minkejja dan l-incident, in kontro-ezami Sandra d'Amato ikkoncediet li l-imputat hu *"ragel sew u ragel sew hafna, dejjem ic-cekk f'idejja."* – b'liema riedet tfisser li hu dejjem kien itiha l-paga kollha li kien jaqla'.

27. Jidher ukoll li dan l-incident ta' aggressjoni vjolenti kien wiehed izolat f'disgha u ghoxrin sena zwieg, u l-imputat iddikjara kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll waqt ix-xhieda tieghu, li jiddispjacih minn dak li ghamel.

28. Jirrizulta wkoll li illum il-gurnata, il-koppja isseparat legalment, u l-kwistjonijiet matrimonjali bejniethom gew rizolti. Lanqas jirrizulta li kien hemm incidenti ohra bejn il-koppja, wara dan l-incident.

29. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva mhix idonea fil-kaz odjern, u ghall-istess ragunijiet ghandu jigi applikat l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

29. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 222(1)(a) u 202(h)(i)(iv)(v), 251A, 251H u 251HA tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, kif elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-13 t'April 2021, issib lill-imputat mhux hati tar-reati fihom kontemplati, u ghalhekk mhux hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

2. Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 217, 222(1)(a) u 202(h)(i)(iv)(v) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-13 t'April 2021, issib lill-imputat hati tar-reati fihom kontemplati, u ghalhekk hati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. In oltre, ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas lil Sandra D'Amato is-somma ta' erbat elef Euro (€4000), bhala kumpens ghall-hsara morali u psikologika ikkagunata lilha konsegwenza tar-reat kommess minnu.

Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

5. Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Sandra D'Amato. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza jew mid-data tal-mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

6. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin Euro u hamsin centezmu (€282.50) li ghandhom jithallsu fi zmien xaharejn (2) mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

30. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**ORDNI TA' TRAŻŻIN**
*(maghmul skond l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

**Illum 21 ta' Mejju 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Anthony D'Amato**

Il-Qorti,

In vista tas-sentenza moghtija illum stess fl-ismijiet premessi, li biha **Anthony D'Amato** detentur tal-Karta tal identita 79463M, (hawn taht imsejjah "il-Hati") gie misjub hati kif indikat fl-istess sentenza, il-Qorti qed timponi, ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Ordni ta' Trażżin kontra l-Hati taħt it-termini u l-kundizzjonijiet is-segwenti:

1. Tipprojbixxi lill-Hati milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **Sandra D'Amato**

2. Tipprojbixxi l-aċċess mill-Hati ġewwa il-fond fejn tirrisjedi u/jew taħdem /jew tiffrekwenta **Sandra D'Amato**, anke jekk il-Hati għandu xi interess legali f'dak il-fond.

3. Din l-Ordni ta' Trazzin tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew il-mahfra tal-piena.

4. Jekk mingħajr skuza ragonevoli, il-Hati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu, jista', meta jinstab ħati, jeħel multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

**Maġistrat**

**Firma tal-Hati**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**